Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 244

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

26 ta' Lulju 2014

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2014/C 244/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Lulju 2014 dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Litwanja u dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal-Litwanja (CON/2014/50) 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 244/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ M.7238 — American Express Company/Qatar Holding/GBT) ([1]) 2

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

III *Atti preparatorji*

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2014/C 244/03 Opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Jannar 2014 dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (CON/2014/1) 3

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2014/C 244/04 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 810/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina 4

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 244/05 Rata tal-kambju tal-euro 6

2014/C 244/06 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea 7

2014/C 244/07 Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea 14

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

2014/C 244/08 Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-pakkett ta' miżuri leġiżlattivi li jirriformaw il-Eurojust u jistabbilixxu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") 15

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2014/C 244/09 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-ġheluq tas-sajd 21

2014/C 244/10 Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16; ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9; ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13; ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20; ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7; ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28; ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17; ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13; ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17; ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34; ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22; ĠU C 37, 5.2.2011, p. 12; ĠU C 149, 20.5.2011, p. 8; ĠU C 190, 30.6.2011, p. 17; ĠU C 203, 9.7.2011, p. 14; ĠU C 210, 16.7.2011, p. 30; ĠU C 271, 14.9.2011, p. 18; ĠU C 356, 6.12.2011, p. 12; ĠU C 111, 18.4.2012, p. 3; ĠU C 183, 23.6.2012, p. 7; ĠU C 313, 17.10.2012, p. 11; ĠU C 394, 20.12.2012, p. 22; ĠU C 51, 22.2.2013, p. 9; ĠU C 167, 13.6.2013, p. 9; ĠU C 242, 23.8.2013, p. 2; ĠU C 275, 24.9.2013, p. 7; ĠU C 314, 29.10.2013, p. 5; ĠU C 324, 9.11.2013, p. 6; ĠU C 57, 28.2.2014, p. 4; ĠU C 167, 4.6.2014, p. 9) 22

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 244/11 Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal membru kandidat tal-Impriża Konġunta SESAR — Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni SESAR 2020 — Ref. SJU/LC/0110-CEI 23

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Lulju 2014

dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Litwanja u dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal-Litwanja

(CON/2014/50)

(2014/C 244/01)

Introduzzjoni u bażi legali

Fis-16 ta' Ġunju 2014 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Litwanja ([1]). Fl-4 ta' Lulju 2014, il-BĊE rċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal-Litwanja ([2]).

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 140(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Osservazzjonijiet

1. Ir-regolamenti proposti se jagħmlu possibbli l-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tal-Litwanja wara l-abrogazzjoni tad-deroga tal-Litwanja skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 140(2) tat-Trattat.

2. Il-BĊE jilqa' r-regolamenti proposti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Lulju 2014.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

([1]) COM(2014) 325 final.
([2]) COM(2014) 447 final.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ M.7238 — American Express Company/Qatar Holding/GBT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 244/02)

Fl-20 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7238. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Jannar 2014

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2014/1)

(2014/C 244/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fit-8 ta' Jannar 2014, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba minghand il-President tal-Kunsill Ewropew ghal opinjoni dwar Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Jannar 2014 [1] dwar il-ħatra ta' membru ta' Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew, u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi s-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER tinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE ghal mandat ta' tmien snin.

2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidata proposta hija persuna ta' statura rikonoxxuta u b'esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'ghandu l-ebda oġġezzjoni ghar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lis-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Jannar 2014.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

[1] Ghadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 810/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

(2014/C 244/04)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK [2], u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 [3], kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 810/2014 [4] dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, qabel it-**22 ta' Awwissu 2014**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu.

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16,.
[2] ĠU L 221, 25.7.2014, p. 15.
[3] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.
[4] ĠU L 221, 25.7.2014, p. 1.

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, tal-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati.

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Il-25 ta' Lulju 2014

(2014/C 244/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,3440	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4472
JPY	Yen Ġappuniż	136,97	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,4160
DKK	Krona Daniża	7,4568	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5728
GBP	Lira Sterlina	0,79115	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6682
SEK	Krona Żvediża	9,1661	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 380,11
CHF	Frank Żvizzeru	1,2152	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,1489
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,3272
NOK	Krona Norveġiża	8,3395	HRK	Kuna Kroata	7,6330
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indonežjan	15 561,78
CZK	Krona Ċeka	27,482	MYR	Ringgit Malażjan	4,2655
HUF	Forint Ungeriż	308,06	PHP	Peso Filippin	58,199
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	47,1871
PLN	Zloty Pollakk	4,1435	THB	Baht Tajlandiż	42,780
RON	Leu Rumen	4,3973	BRL	Real Brażiljan	2,9968
TRY	Lira Turka	2,8145	MXN	Peso Messikan	17,4162
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4289	INR	Rupi Indjan	80,7677

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Lulju 2014

li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

(2014/C 244/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni ta' nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-kompiti u r-responsabbilitajiet tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea (UE).

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-attivitajiet li jridu jitwettqu mil-laboratorji ta' referenza tal-UE, jeħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni ta' finanzjament flimkien mal-programm ta' ħidma għall-2015. L-Artikolu 94 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 1268/2012 ([3]) jistabbilixxi regoli dettaljati dwar id-deċiżjonijiet ta' finanzjament.

(3) Huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-għoti ta' għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti lill-korpi identifikati fil-programm ta' ħidma u għar-raġunijiet mogħtija fih.

(4) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għandhom jippreżentaw il-programmi ta' ħidma tagħhom għas-sena 2015. Dawn il-programmi ta' ħidma għandhom jikkonformaw mal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma attwali tal-Kummissjoni. L-għoti ta' għotjiet għal dawn il-programmi huwa soġġett għall-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

(5) Il-livell tal-għajnuna finanzjarja annwali tal-Unjoni għall-attività tal-laboratorji ta' referenza tal-UE jiġi deċiż fuq bażi ta' kull sena. Minħabba l-importanza tal-attivitajiet li jitwettqu mil-laboratorji ta' referenza tal-UE fl-interess tal-Unjoni, dawn għandhom jiġu kofinanzjati b'rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli mniżżla fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 u jibqgħu fil-limitu tal-ammonti li jinsabu f'din id-Deċiżjoni. Spejjeż oħra li mhumiex eliġibbli iżda neċessarji biex jitwettqu l-kompiti, mhux se jiġi kofinanzjati.

(6) L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jidentifika sitt laboratorji ta' referenza tal-UE fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Ir-regoli li jirregolaw l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka huma stabbiliti f'arranġament amministrattiv annwali u dan il-programm ta' ħidma ma għandux japplika għal dawn is-sitt laboratorji ta' referenza tal-UE.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1.
([3]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-programm ta' ħidma

Ġie adottat il-programm ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-programmi kofinanzjati mill-Unjoni tal-laboratorji ta' referenza Ewropej għall-2015, kif stabbilit fl-Anness.

Il-programm ta' ħidma annwali huwa deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-approprjazzjonijiet tal-2015.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni

Il-kontribuzzjoni massima għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2015 ġiet iffissata għal EUR 15 500 000 u għandha tiġi ffinanzjata mil-linja li ġejja tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2015:

il-linja baġitarja 17.0403.

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija soġġetta għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2015 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2015 mill-awtorità baġitarja jew previsti fis-sistema tad-dodiċeżmi proviżorji.

Artikolu 3

L-għotjiet

L-għotjiet jistgħu jsiru mingħajr sejħa għall-proposti lill-korpi identifikati fl-Anness, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fih stess.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 u l-kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

Laboratorji ta' referenza tal-UE — Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2015

1.1. **Introduzzjoni**

Abbażi tal-objettivi mogħtija fir-Regolament (UE) Nru 652/2014 dan il-programm ta' ħidma jinkludi l-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-baġit għas-sena 2015 għall-għotjiet implimentati taħt ġestjoni diretta u mogħtija lil-laboratorji ta' referenza Ewropej (UE-RLs) bħala l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet u d-dmirijiet fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf u tas-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti kif stabbilit fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

L-UE tikkofinanzja l-EU-RLs bl-għan li jiġi żgurat ittestjar ta' kwalità għolja u uniformi fl-UE biex jappoġġa l-attivitajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju (u tal-valutazzjoni tar-riskju). B'mod ġenerali, l-EU-RLs ilhom inkorporati fl-istituzzjonijiet pubbliċi (nazzjonali) b'għarfien espert ta' livell għoli għal żmien twil bħal-laboratorji ta' referenza nazzjonali (NRLs) jew il-laboratorji ta' referenza reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali. Dawn jinħatru mill-Kummissjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tas-settur. L-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jipprovdi lista ta' 44 EU-RLs.

Il-Kummissjoni taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-EU-RLs, li flimkien mal-NRLs, għandhom rwol essenzjali fl-appoġġ xjentifiku u tekniku għall-istabbiliment ta' prattiki uniformi tal-kontrolli uffiċjali tal-għalf u l-ikel kif meħtieġ bir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

L-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma se tkun suġġetta għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni tal-programmi ta' ħidma tal-EU-RLs li għandhom ikunu f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma preżenti. Ladarba jiġi approvat, l-EU-RLs għandhom jimplimentaw il-programmi ta' ħidma tagħhom u jipprovdu rapport dwar din l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

1.2. **Bażi ġuridika**

— L-Artikolu 32(7) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1);

— L-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali, u relatata mas-saħħa tal-pjanti, u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

1.3. **Linja baġitarja**

— 17.0403

1.4. **Objettivi - riżultati mistennija - miżuri**

(a) Objettiv ġenerali

— il-kontribut għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, għall-annimali u għall-pjanti, li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi u għall-ambjent, filwaqt li jiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

(b) Objettivi speċifiċi

— il-kontribut għal livell għoli ta' sikurezza fl-ikel/fl-għalf u fil-produzzjoni tal-ikel/tal-għalf u status oġħla ta' saħħa tal-annimali;

— il-kontribut għal detezzjoni u qerda f'waqthom tal-pesti;

— it-titjib fl-effettività, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali.

(c) Objettivi operattivi, indikaturi u riżultati mistennija

Objettivi operattivi		Indikatur	Riżultat mistenni
1	Jiġi żgurat l-iżvilupp u l-użu ta' metodi analitiċi ta' kwalità għolja fil-qafas tal-EU-RLs	Il-kwalità tal-metodi analitiċi	Disponibbiltà ta' metodi analitiċi tal-ogħla livell
2	Iż-żamma ta' livell xieraq ta' ttestjar profiċjenti li tiżgura l-effiċjenza tal-metodi tal-kontroll tal-analiżi	Il-livell ta' kompletezza tal-ittestjar komparattiv fir-rigward tar-riżultati tal-istħarriġ annwali	It-tlestija b'suċċess tal-ittestjar mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali (NRLs) kollha
3	Tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' assistenza xjentifika u teknika pprovduta mill-EU-RLs	Il-grad ta' sodisfazzjon tal-appoġġ provdut mill-EU-RLs	Rispons f'waqtu u xieraq għal kull talba għall-assistenza
4	Tiġi żgurata ġesjtoni soda u effiċjenti taċ-ċiklu ta' finanzjament tal-EU-RLs	L-iskedi taż-żmien u l-livell ta' kompletezza tal-passi neċessarji taċ-ċiklu ta' finanjzament tal-programmi tal-EU-RLs	Ċiklu ta' finanzjament f'waqtu u komplut

(d) Miżuri u attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-objettivi operattivi

Objettiv operattiv 1: Jiġi żgurat l-iżvilupp u l-użu ta' metodi analitiċi ta' kwalità għolja fin-netwerk tal-EU-RLs

— tiġi żgurata d-disseminazzjoni tal-metodi analitiċi u l-metodi ta' referenza mill-EU-RLs lill-NRLs;

— il-monitoraġġ tal-pubblikazzjoni mill-EU-RLs tal-metodi l-ġodda ta' żvilupp u l-istudju ta' validazzjoni korrispondenti;

— il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-EU-RLs dwar l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-metodi analitiċi l-ġodda;

— il-koordinazzjoni bejn l-EU-RLs, l-NRLs u l-Istati Membri għat-tħejjija tal-programmi ta' ħidma għall-2016 dwar metodi ġodda jew imtejba, u/jew il-modi tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar il-metodi u l-materjali ta' referenza;

— l-ippjanar tat-taħriġ, il-laqgħat u s-sessjonijiet ta' ħidma organizzati mill-EU-RLs għall-armonizzazzjoni tat-tekniki dijanjostiċi u tal-metodi tal-analiżi;

— it-tnedija tal-kollaborazzjoni tal-EU-RLs mal-laboratorji ta' pajjiżi terzi.

Objettiv operattiv 2: Iż-żamma ta' livell xieraq tat-ttestjar tal-profiċjenza li tiżgura l-effiċjenza tal-metodi tal-kontroll tal-analiżi

— l-iżgurar tal-ippjanar u t-tnedija tal-ittestjar komparattiv mill-EU-RLs f'konformità mal-protokolli aċċettati fuq livell internazzjonali;

— l-indirizz ta' kwistjonijiet relatati ma' nuqqas fil-prestazzjoni fin-netwerk tal-EU-RLs;

— il-koordinazzjoni bejn l-EU-RLs, l-NRLs u l-Istati Membri għall-ippjanar tal-prestazzjoni tal-ittestjar fil-programmi ta' ħidma.

Objettiv operattiv 3: Tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' assistenza xjentifika u teknika pprovduta mill-EU-RLs

— il-mistoqsijiet lill-EU-RLs dwar it-tfassil tal-politiki u l-infurzar;

— it-tnedija tal-kollaborazzjoni tal-EU-RLs mal-EFSA u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat għall-assistenza xjentifika u teknika mill-Eu-RLs;

— il-gwida għat-tnedija dwar il-metodi analitiċi;

— l-attivitajiet ta' netwerking għal assistenza xierqa mill-EU-RLs.

Objettiv operattiv 4: Tiġi żgurata ġesjtoni soda u effiċjenti taċ-ċiklu ta' finanzjament tal-EU-RLs

— il-ġbir, il-verifika u l-validazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-EU-RLs;

— il-kontroll u l-verifika tan-nefqa finanzjarja;

— il-komunikazzjoni mal-EU-RLs għall-eżekuzzjoni tal-programmi ta' ħidma tagħhom;

— l-evalwazzjoni tar-rapport tekniku u finanzjarju annwali tal-EU-RLs;

— l-appoġġ lill-EU-RLs għat-thejjija tal-programmi ta' ħidma annwali tagħhom;

— l-evalwazzjoni tal-indikatur tal-prestazzjoni rrapurtat tal-EU-RLs *ex-ante* u *ex-post*.

1.5. **Prijoritajiet**

It-trażżin tar-risjku u l-ħtiġijiet tal-infurzar fl-oqsma koperti bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jevolvu b'mod kostanti. F'dawn l-aħħar snin, tfaċċaw sfidi ġodda li rriżultaw minn żieda fil-kummerċ tal-annimali, tal-ikel u tal-għalf u tas-sustanzi tal-annimali użati għall-produzzjoni tagħhom, u mill-progress fix-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll bħala konsegwenza tat-tekniki dijanjostiċi.

Jinħtieġ approċċ ikkoordinat sabiex ikunu żgurati:

— il-protezzjoni kontra l-feġġ mill-ġdid ta' riskju ġodda/akbar;

— il-prevenzjoni u d-detezzjoni bikrija tal-mard u tat-theddid permezz tal-ikel u tal-għalf;

— l-implimentazzjoni effettiva tal-infurzar u tal-kontrolli uffiċjali.

L-EU-RLs, NRLs u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiffurmaw netwerk bi rwol importanti ħafna kemm fil-każ ta' emerġenzi u kemm fi żminijiet fejn kollox jimxi kif inhu ("business as usual"). Iż-żamma tar-robustezza tan-netwerk u r-rwol tiegħu se jkunu prijorità kostanti għall-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni, mhux biss għas-sena 2015, iżda anki fil-futur.

L-2015 se tkun l-ewwel sena meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 se japplikaw fir-rigward tal-ġestjoni tan-nefqa tal-EU-RLs u għalhekk din se tkun sena ta' tranżizzjoni. Il-prijoritajiet se jsegwu loġika komuni fuq l-objettivi operattivi ppreżentati hawn fuq, u se jiġu żviluppati fid-dettall flimkien mal-EU-RLs fil-programmi ta' ħidma tagħhom. F'termini ġenerali, se tingħata attenzjoni partikolari lil:

— l-iżvilupp ta' materjal ta' referenza ċertifikat u metodi standardizzati u vvalidati għall-kejl u l-identifikazzjoni tal-perikli (sustanzi kimiċi, kontaminanti, pestiċidi, patoġeni), għall-preżenza ta' OĠM fl-ikel u fl-għalf, u d-detezzjoni ta' sustanzi mhux awtorizzati jew l-użu mhux awtorizzat ta' sustanzi awtorizzati;

— l-analiżi tas-sustanzi u OĠM awtorizzati biex tippermetti l-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf u s-saħħa tal-annimali;

— l-użu u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-metodi analitiċi xierqa;

— l-iżvilupp ta' kapaċità analitika soda għad-detezzjoni ta' prattiki frawdolenti (l-ittestjar għad-DNA, il-pestiċidi, l-addittivi).

Filwaqt li l-attivitajiet u l-prijoritajiet prinċipali stabbiliti f'dan il-programm ta' ħidma se jkunu koperti b'kollaborazzjoni mal-EU-RLs meta dawn jistabbilixxu l-programmi ta' ħidma tagħhom, jinħtieġ spazju għal manuvrar għal attivitajiet li jirriżultaw minn fatturi mhux prevedibbli (pereżempju: fatturi relatati mal-feġġ mill-ġdid tal-mard ta' prijorità, l-introduzzjoni potenzjali ta' mard ġdid, il-kumplessità dejjem akbar tal-katini tal-provvista).

1.6. **Deskrizzjoni tal-attivitajiet li jridu jiġi ffinanzjati**

Pestiċidi	— l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' metodi ġodda u mtejba għall-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel li ġej mill-annimali, iċ-ċereali u l-frott u l-ħaxix; — il-provvista tal-assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni dwar il-limiti tal-kwantifikazzjoni u d-definizzjonijiet tar-residwi fil-qafas tar-reviżjoni tal-MRLs eżistenti kollha stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
Kontaminanti	— l-affidabbiltà tal-analiżi tad-diossini u l-poliklorobifenil simili għad-diossini (PCBs) fl-għalf f'livell li huma inqas mil-livell massimu tal-GC-MS/MS (Kromatografija b'Faži Gassuża-Spettrometrija ta' Massa) — l-ispeċifikazzjoni tal-metalli fl-ikel u fl-għalf mill-metodi multianalitiċi; — il-metodi ta' skrinjar għall-preżenza ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) fl-ikel; — l-iżgurar tal-affidabbiltà tar-riżultati analitiċi għall-kontroll tal-mikotossini, b'mod partikolari, fid-dawl tar-rekwiżiti legali l-ġodda (bħal pereżempju l-użu ta' metodi ta' skrinjar, il-kontroll taċ-ċitrinin).
Residwi	— il-metodi ta' żvilupp u disseminazzjoni għall-analiżi tar-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji (inklużi s-sustanzi pprojbiti u l-użi pprojbiti) fl-ikel li ġej mill-annimali; — l-assistenza teknika relatata mal-aspetti analitiċi tal-monitoraġġ tar-residwi; — iż-żamma tal-livell xieraq ta' proficjenza fl-NRLs.
Riskji bijoloġiċi	— l-evoluzzjoni ta' metodi analitiċi ġodda ta' kwalità għolja għall-perikli bijoloġiċi; — it-titjib fil-metodi eżistenti; — iż-żamma tal-livell xieraq ta' proficjenza fl-NRLs sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-effiċjenza tal-metodi analitiċi għall-kontrolli uffiċjali; — l-assistenza teknika lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aspetti analitiċi.

Materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel, OĠM, addittivi tal-ġħalf	— l-iżvilupp tal-validazzjoni ta' metodi ġodda u mtejba għall-ittestjar tal-migrazzjoni ta' metalli minn materjal taċ-ċeramika fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 84/500/KEE ([1]); — it-tħejjija għall-ġbir aċċellerat ta' metodi ġodda li għalihom se jkunu meħtieġa d-deskrizzjonijiet tal-metodi skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 ([2]) inkluż l-iżvilupp ta' bażi tad-dejta onlajn għall-għanijiet tad-disseminazzjoni; — l-iżvilupp ta' metodi analitiċi ta' volum kbir għad-detezzjoni tal-OĠM u d-disseminazzjoni lill-NRLs; — il-provvista ta' taħriġ, informazzjoni, aġġornamenti lill-NRLs u lil pajjiżi terzi; — l-analiżi u l-ittestjar ta' vitamini liposolubbli, karotenojdi u kobalt fl-oġġetti tal-ġħalf; — l-iżgurar ta' implimentazzjoni ta' metodi analitiċi ta' kwalità għolja u affidabbiltà tar-riżultati analitiċi.
Saħħa tal-Annimali	— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi analitiċi ta' kwalità għolja għall-mard tal-annimali; — iż-żamma ta' profiċjenza mill-aqwa fl-ittestjar li tiżgura l-effiċjenza tal-metodi tal-kontroll tal-analiżi.

1.7. **Kriterji essenzjali**

1. *Kriterji ta' eliġibbiltà*

— L-istatus ta' laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 882/2004, esklużi l-EU-RLs fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2. *Kriterji ta' esklużjoni*

L-applikanti mhuma fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 106 u 107 tar-Regolament Finanzjarju.

3. *Kriterji tal-għoti*

— Il-konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma preżenti tal-Kummissjoni għas-sena 2015.

1.8. **Implimentazzjoni**

Il-programm ta' ħidma se jiġi implimentat direttament mill-Kummissjoni,

1.9. **L-iskeda indikattiva taż-żmien u l-ammont indikattiv tal-għotjiet mogħtija mingħajr sejħa għall-proposti**

Jannar 2015.

1.10. **Rata massima possibbli ta' kofinanzjament tal-ispejjeż totali**

100 %

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 84/500/KEE tal-15 ta' Ottubru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-oġġetti taċ-ċeramika maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 277, 20.10.1984, p. 12).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1).

Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2014/C 244/07)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 101, it-tieni paragrafu tan-Noti ta' Spjega għas-subintestaturi ***2403 10 10 u 2403 10 90 "It-tabakk għat-tipjip, kemm jekk fih sostituti tat-tabakk fi kwalunkwe proporzjon jew le"*** *huwa sostitwit b'dan li ġej:*

> "L-iskart li jirriżulta mill-manipulazzjoni tal-weraq tat-tabakk jew mill-manifattura ta' prodotti tat-tabakk li jista' jintuża għat-tipjip huwa meqjus bħala tabakk għat-tipjip jekk ma jissodisfax id-deskrizzjoni ta' sigarri, sigarri żgħar u sigaretti (ara n-Noti ta' Spjega għas-subintestaturi 2402 10 00 u 2402 20 10 u 2402 20 90)."

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-pakkett ta' miżuri leġiżlattivi li jirriformaw il-Eurojust u jistabbilixxu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE")

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD www.edps.europa.eu)

(2014/C 244/08)

A. INTRODUZZJONI

A.1. Kuntest tal-Opinjoni

1. Fis-17 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") u li jirriformaw il-Eurojust. Dan il-pakkett jikkonsisti mill-:

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u r-riforma tal-Eurojust" ([1]) (minn hawn 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar l-UPPE u l-Eurojust");

— Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Koperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (minn hawn 'il quddiem il-"Proposta tal-Eurojust") ([2]);

— Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([3]) (minn hawn 'il quddiem il-"Proposta tal-UPPE") u

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata: "It-titjib tal-governanza tal-OLAF u t-tisħiħ tas-salvagwardji proċedurali fl-investigazzjonijiet: Approċċ pass pass li jimxi id f'id mal-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew" ([4]) (minn hawn 'il quddiem il-"Komunikazzjoni OLAF").

2. Qabel l-adozzjoni tal-pakkett, il-KEPD kellu l-opportunità li jipprovdi kummenti informali. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qieset uħud minn dawn il-kummenti.

3. Il-KEPD jilqa' wkoll l-fatt li l-Kummissjoni kkonsultat lill-KEPD u li referenza għall-konsultazzjoni hija inkluża fil-preamboli taż-żewġ proposti.

A.2. Għanijiet tal-pakkett

4. Ir-riforma tal-Eurojust u l-holqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandhom l-għan li jiġġieldu l-frodi, li jagħmlu l-prosekuzzjoni fuq livell ta' UE iktar affidabbli u li jżidu l-livell ta' protezzjoni għal dawk involuti fl-investigazzjonijiet ([5]).

5. Il-Proposta tal-Eurojust hija bbażata fuq l-Artikolu 85 tat-TFUE u għandha dawn l-għanijiet:

— ittejjeb l-effiċjenza tal-Eurojust billi tipprovdih bi struttura ġdida ta' governanza;

— ittejjeb l-effikaċja operattiva tal-Eurojust billi tiddefinixxi b'mod omogħenju l-istatus u s-setgħat tal-Membri Nazzjonali;

— tipprovdi rwol għall-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust, b'konformità mat-Trattat ta' Lisbona;

([1]) COM(2013) 532 final.
([2]) COM(2013) 535 final.
([3]) COM(2013) 534 final.
([4]) COM(2013) 533 final.
([5]) Il-Komunikazzjoni tal-EPPO u tal-Eurojust, punt 1.

— iġġib il-qafas legali tal-Eurojust konformi mal-Approċċ Komuni, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ ir-rwol speċjali tiegħu fir-rigward tal-kordinazzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali li jkunu għaddejjin;

— tiżgura li l-Eurojust jista' jikkopera mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, meta dan ikun stabbilit.

6. Il-Proposta tal-UPPE hija bbażata fuq l-Artikolu 86 tat-TFUE u b'mod partikolari għandha dawn l-għanijiet li ġejjin:

— li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u iktar żvilupp ta' qasam tal-ġustizzja, u li ttejjeb il-fiduċja tan-negozji u taċ-ċittadini tal-UE fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("Karta tal-UE");

— li tistabbilixxi sistema Ewropea koerenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' offiżi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

— li tiżgura investigazzjoni u prosekuzzjoni iktar effiċjenti u effettivi tal-offiżi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;

— li żżid in-numru ta' prosekuzzjonijiet, li jwasslu għal iktar kundanni u rkuprar ta' fondi tal-Unjoni miksubin permezz ta' frodi;

— li tiżgura koperazzjoni mill-qrib u skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u dawk Ewropej;

— li ssaħħaħ id-deterrenza mit-twettiq ta' offiżi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

7. Iż-żewġ proposti huma ta' importanza kbira mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta minħabba li l-ipproċessar ta' dejta personali huwa parti mill-attivitajiet ewlenin imwettqa mill-Eurojust u se jkunu parti mill-attivitajiet ewlenin tal-UPPE.

A.3. **L-Għan tal-Opinjoni**

8. Din l-opinjoni se tiffoka fuq il-bidliet għall-qafas legali tal-Eurojust li huma l-iktar relevanti għall-protezzjoni tad-dejta. Hija se tagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet dwar dispożizzjonijiet li huma simili għal dawk eżistenti bil-għan li tkompli ssaħħaħ ir-reġim tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli għall-Eurojust.

9. Fir-rigward tal-Proposta tal-UPPE, il-KEPD jinnota li, f'termini ta' protezzjoni tad-dejta, il-proposta hija bbażata b'mod estensiv fuq il-Proposta tal-Eurojust. Għalhekk, l-opinjoni sejra tanalizza din il-Proposta flimkien mal-Proposta tal-Eurojust filwaqt li sejra turi wkoll xi speċifiċitajiet fejn huwa relevanti. Il-KEPD jenfasizza li din l-analiżi hija ristretta għal aspetti ta' protezzjoni tad-dejta. Ma tivvalutax jekk id-dispożizzjonijiet inklużi fil-Proposta tal-UPPE humiex konformi ma' drittijiet fundamentali oħrajn [1].

D. **KONKLUŻJONIJIET**

122. Il-KEPD jilqa' ħafna d-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tad-dejta fil-Proposta dwar il-Eurojust u l-UPPE, għax l-ipproċessar tad-dejta personali huwa parti mill-ativitajiet ewlenin imwettqa mill-Eurojust u se jkun parti mill-attivitajiet ewlenin tal-UPPE. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 huwa kif xieraq il-punt ta' referenza taħt il-Proposti, li jipprovdi għal applikazzjoni konsistenti u omogenja tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta għall-korpi kollha tal-UE filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fil-liġi kriminali.

123. Minħabba li l-attivitajiet tal-Eurojust u tal-UPPE ma jistgħux jiġu assimilati għal attivitajiet ġuridiċi ġenwini, l-ipproċessar ta' dejta personali minn dawn il-korpi għandu jkun soġġett għal superviżjoni minn awtorità superviżorja indipendenti. Minħabba l-prinċipju li s-superviżjoni għandha ssegwi l-kontrollur, awtorità tal-UE għandha tiggarantixxi s-superviżjoni tal-Eurojust u tal-UPPE, kontrolluri li huma korpi tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa loġiku u konsistenti li l-KEPD, l-awtorità independenti tal-UE stabbilita biex tagħmel superviżjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, għandu jwettaq dan ir-rwol.

[1] Ara għall-analiżi ta' drittijiet fundamentali oħra b'mod partikolari l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("FRA") dwar proposta dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, Vjenna, 4 ta' Frar 2014, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-FRA: http://fra.europa.eu/en

124. Barra minn hekk, minħabba li ħafna mid-dejta pproċessata mill-Eurojust u l-UPPE toriġina mill-Istati Membri, jeħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-involviment attiv tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta permezz ta' koperazzjoni mill-qrib mal-KEPD biex tkun żgurata superviżjoni komprensiva kemm fuq livell tal-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali. Madankollu, fuq il-livell ta' UE, l-idea ta' superviżjoni indipendenti u effettiva teħtieġ responsabilità sħiħa u unika għall-KEPD, soġġetta għal reviżjoni mill-QtĠ-UE.

125. Madankollu hemm għadd ta' dispożizzjonijiet kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi li jeħtieġ li jiġu kkoreġuti jew imtejba. Fid-dawl tal-importanza tal-proposti għall-protezzjoni tad-dejta, il-KEPD għalhekk stabbilixxa numru ta' rakkomandazzjonijiet imfassla biex jiżguraw li l-proposti jiksbu l-istandard meħtieġ ta' protezzjoni komprensiva u effettiva ta' dejta personali mill-Eurojust u l-UPPE.

126. Il-KEPD jirrakkomanda:

— li fil-Proposta tal-Eurojust ikun hemm provvediment għal distinzjoni kunċettwali ċara bejn dejta operattiva (dejta relatata ma' każijiet) u dejta amministrattiva (dejta mhux relatata ma' każijiet) u abbozzar mill-ġdid tal-Artikolu 27(5) tal-Proposta tal-Eurojust b'mod konformi ma' dawn id-definizzjonijiet;

— li tingħata definizzjoni fil-Proposti tal-Eurojust u tal-UPPE tat-termini li ġejjin: awtoritajiet kompetenti, korpi tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, partijiet privati u persuni privati;

— li tingħata definizzjoni ċara u preċiża tal-qasam tal-kompetenzi tal-UPPE;

— li jiġi kkjarifikat jekk dejta personali tistax tiġi pproċessata f'fajls barra mis- Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet;

— li l-kliem "dejta personali relatata ma" każ' jiġi sostitwit bil-kliem "dejta personali operattiva" fl-Artikolu 22(6) tal-Proposta tal-UPPE biex tkun żgurata l-konsistenza mad-definizzjonijiet li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikolu 2(e) tal-Proposta tal-UPPE;

— li fil-Proposti tal-Eurojust u tal-UPPE jiġu kkjarifikati l-għanijiet tal-ipproċessar ta' dejta personali fir-rigward tal-indiċi, il-fajls ta' ħidma temporanji u, jekk applikabbli, kwalunkwe fajl ieħor li jinkludi dejta operattiva li tinkludi dejta personali;

— li mill-Artikoli 24(2)(c) tal-Proposta tal-Eurojust u 22(2)(c) tal-Proposta tal-UPPE jitneħħa l-fatt li s-CMS tiffaċilita l-monitoraġġ tal-legalità u l-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-dejta u li dan jissemma' fil-paragrafu distint;

— li jiġu spjegati r-raġunijiet għall-kategorija ta' dejta dwar in-"numru ta' identifikazzjoni tad-dwana u tat-taxxa" jew din titneħħa mill-Anness 2;

— li jiġi miżjud mal-Artikolu 37(3) tal-Proposta tal-UPPE li l-uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta għandu jiġi infurmat biċ-ċirkostanzi speċifiċi li jiġġustifikaw in-neċessità tal-ipproċessar ta' dejta personali bħal din u li ssir dispożizzjoni fl-Artikolu 27(3) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 37(3) tal-Proposta tal-UPPE li l-ġustifikazzjoni għandha tiġi ddokumentata b'mod xieraq;

— li fl-aħħar sentenza tal-Artikoli 27(3) u 27(4) fil-Proposta tal-Eurojust u fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 37(4) tal-Proposta tal-UPPE jiżdiedu wkoll il-persuni taħt l-età ta' 18-il sena;

— li jitneħħa l-Artikolu 28(4) tal-Proposta tal-Eurojust u l-Artikolu 38(4) tal-Proposta tal-UPPE minħabba li l-obbligu li ssir reviżjoni tad-dejta huwa diġà msemmi fil-paragrafu ieħor u r-reviżjoni għandha ssir mill-kontrollur (jiġifieri Eurojust jew UPPE) u mhux mill-KEPD;

— li jiġi inkluż fl-Artikolu 28 tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 38 tal-Proposta tal-UPPE, paragrafu li jipprovdi għall-ħażna kontinwata tad-dejta fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

— meta jkun meħtieġ biex ikunu protetti l-interessi ta' suġġett ta' dejta li jkun jeħtieġ protezzjoni,

— meta l-preċiżjoni tagħhom hija kkontestata mis-suġġett tad-dejta, għal perjodu li jippermetti lill-kontrollur jivverifika l-preċiżjoni tad-dejta,

— meta d-dejta personali tkun teħtieġ li tinżamm għal għanijiet ta' prova,

— meta s-suġġett tad-dejta jopponi t-tneħħija tagħha u minflok jitlob li l-użu tagħha jkun ristett;

— li fil-Proposta tal-Eurojust tiżdied dispożizzjoni speċifika li telenka s-sorsi kollha ta' informazzjoni pproċessati mill-Eurojust;

— li l-Artikolu 31 tal-Proposta tal-Eurojust jiġi emendat biex ikun żgurat li l-uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta jinħatar mill-Kulleġġ;

— li fl-Artikolu 31(2) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 41(2) tal-Proposta tal-UPPE il-kliem "Meta jkun hemm konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) 45/2001" jinbidel bi "Minbarra l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) 45/2001";

— li ssir dispożizzjoni fl-Artikolu 31(3) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 41(3) tal-Proposta tal-UPPE li l-persunal tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tad-Dejta jkollu aċċess għad-dejta kollha pproċessata mill-Eurojust u għall-bini kollu tal-Eurojust fit-twettiq tal-ħidmiet tiegħu u li jiżdied ukoll li dan l-aċċess ikun possibbli f'kull ħin u mingħajr talba minn qabel;

— li fl-Artikolu 31 tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 41 tal-Proposta tal-UPPE jiżdied il-kompitu li jinżamm reġistru ta' dawn l-inċidenti li jaffettwaw kemm id-dejta personali operattiva kif ukoll dik amministrattiva pproċessata mill-Eurojust;

— li l-Artikolu 32(4) tal-Proposta tal-Eurojust u l-Artikolu 42(4) tal-Proposta tal-UPPE jitneħħew minħabba li l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 – li huwa applikabbli għall-Eurojust u l-UPPE – diġà jkopri dawn id-dispożizzjonijiet;

— li titneħħa t-tieni sentenza tal-Artikolu 32(6) tal-Proposta tal-Eurojust, li ssemmi l-limitu ta' żmien, minħabba li hija superfluwa mal-Artikolu 32(2) tal-Proposta tal-Eurojust;

— li l-Artikolu 32(7) tal-Proposta tal-Eurojust u l-Artikolu 42(4) tal-Proposta tal-UPPE jitneħħew minħabba li huma superfluwi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

— li fit-titlu tal-Artikolu 33 tal-Proposta tal-Eurojust u l-Artikolu 43 tal-Proposta tal-UPPE jiżdied il-kliem li ġej "Modalitajiet rigward";

— li ssir dispożizzjoni għal regoli dwar ir-rettifikazzjoni, it-tneħħija jew ir-restrizzjoni tad-dejta mogħtija mill-korpi tal-UE fl-Artikolu 33 tal-Proposta tal-Eurojust;

— li l-formolazzjoni tal-kliem attwali fl-Artikolu 34(1) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 44(1) tal-Proposta tal-UPPE tinbidel b'li ġej: "Eurojust jipproċessa dejta personali b'tali mod li s-sors tagħha jkun jista" jiġi stabbilit dejjem';

— fl-Artikolu 34(3) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 44(2) tal-Proposta tal-UPPE, issir separazzjoni taż-żewġ sentenzi f'paragrafi distinti minħabba li jittrattaw temi differenti;

— li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 34(3) tal-Proposta tal-Eurojust u tal-Artikolu 44(3) tal-Proposta tal-UPPE tiġi emendata, biex jiġu ċċarati r-responsabilitajiet;

— li l-aħħar sentenza tal-Artikolu 36(1) tal-Proposta tal-Eurojust u tal-Artikolu 46(1) tal-Proposta tal-UPPE tiġi abbozzata mill-ġdid, biex ikun żgurat li l-KEPD jagħti importanza kbira lill-opinjoni tal-awtoritajiet superviżjorji nazzjonali kompetenti;

— li tiżdied il-kelma "inkluż" bejn "organizzazzjonijiet internazzjonali" u "l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (l-Interpol)" fi tmiem l-Artikolu 38(1) tal-Proposta tal-Eurojust, u li "organizzazzjonijiet internazzjonali jew l-Interpol" tiġi mibdula bi "organizzazzjonijiet internazzjonali inkluż l-Interpol" fl-Artikoli 40(1) u 45(2) tal-Proposta tal-Eurojust;

— li titneħħa l-possibilità għall-Eurojust li jassumi l-kunsens tal-Istati Membri billi jitneħħa l-Artikolu 38(4)(a) tal-Proposta tal-Eurojust u jiżdied li l-kunsens għandu jingħata "qabel it-trasferiment", fit-tieni sentenza tal-Artikolu 38(4) tal-Proposta tal-Eurojust;

— li mal-Artikolu 38 tal-Proposta tal-Eurojust jiżdied paragrafu li jeħtieġ li d-dejta għandha tiġi trasferita biss jekk ir-riċevitur jagħti garanzija li d-dejta tkun sejra tintuża għall-għan ewlieni li għalih tkun ġiet trażmessa;

— li mal-Artikolu 38 tal-Proposta tal-Eurojust jiżdied paragrafu li jeħtieġ li l-Eurojust għandu jżomm rekords dettaljati tat-trasferimenti ta' dejta personali kif ukoll tar-raġunijiet għal dawn it-trasferimenti, b'mod konformi mal-Artikolu 31(2)(a) tal-Proposta tal-Eurojust. L-istess rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-Artikolu 56 tal-Proposta tal-UPPE;

— li jiġi kkjarifikat it-titlu tat-Taqsima II (Relazzjonijiet mal-Imsieħba) tal-Kapitolu V tal-Proposta tal-Eurojust u tat-Taqsima II tal-Kapitolu VIII tal-Proposta tal-UPPE;

— li fl-Artikolu 40(5) tal-Proposta tal-Eurojust jiġi speċifikat li l-Eurojust għandu jaqsam l-informazzjoni skont id-deċiżjoni tal-Istat Membru, il-korp tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi l-informazzjoni lill-Eurojust;

— li fil-premessa tal-Proposti tiżdied ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' skambju awtomatiku u sistematiku ta' informazzjoni bejn il-Eurojust u l-UPPE;

— li l-Artikolu 42(1) jitressaq għall-Artikolu 39, li jittratta l-koperazzjoni man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u netwerks oħra tal-UE involuti fil-koperazzjoni fi kwistjonijiet kriminali;

— li mill-Artikolu 43 tal-Proposta tal-Eurojust titneħħa r-referenza għall-Artikolu 38(1) u minflok jiġu elenkati l-entitajiet li magħhom, il-Eurojust jista' jistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma (pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali);

— li fl-Artikolu 43 tal-Proposta tal-Eurojust jiġi speċifikat li dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet mogħtija f'Taqsima IV tal-Proposta tal-Eurojust għat-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

— li fl-Artikolu 44 tal-Proposta tal-Eurojust jiżdied li dan tal-aħħar japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40-42;

— li fl-Artikolu 44 tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 61 tal-Proposta tal-UPPE jiġi inkluż l-obbligu għall-Eurojust/UPPE li jippubblikaw fuq is-sit elettroniku tagħhom lista aġġornata regolarment tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li magħhom huma jaqsmu l-informazzjoni;

— li mill-Artikolu 45 tal-Proposta tal-Eurojust u mill-Artikolu 61 tal-Proposta tal-UPPE titnehha r-referenza ghad-Direttiva 95/46/KE u li fil-Proposta jiġu inklużi l-kriterji u l-proċedura li ghandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni ghall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' adegwatezza;

— li mal-Artikolu 45(1) tal-Proposta tal-Eurojust *in fine* u fl-Artikolu 61(1) *in fine* tal-Proposta tal-UPPE jiżdied li l-KEPD ghandu jiġi kkonsultat fil-ħin matul in-negozjati ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali bejn l-UE u pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, u b'mod partikolari qabel l-adozzjoni ta' mandat ta' negozjar kif ukoll qabel il-finalizzazzjoni tal-ftehim;

— li mal-Artikolu 45(1) tal-Proposta tal-Eurojust u mal-Artikolu 61(1) tal-Proposta tal-UPPE tiżdied klawsola tranżitorja dwar ftehimiet ta' koperazzjoni eżistenti li jirregolaw trasferimenti ta' dejta personali mill-Eurojust, li tipprovdi ghal rivalutazzjoni ta' dawn il-ftehimiet biex tkun żgurata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-Proposta tal-Eurojust, bi skadenza ta' mhux iktar minn sentejn wara d-dħul fis-sehh tal-Proposta tal-Eurojust;

— li fl-Artikolu 45(1) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 61(1) tal-Proposta tal-UPPE jiżdied l-obbligu ghall-Eurojust u l-UPPE li jippubblikaw fuq is-sit elettroniku tagħhom lista aġġornata regolarment tal-ftehimiet internazzjonali u ta' koperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

— li fl-Artikolu 45(2) tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 61(2) tal-Proposta tal-UPPE jiżdied espressament li d-derogi huma applikabbli ghal trasferimenti okkażjonali u mhux ghal trasferimenti frekwenti, massivi jew strutturali (settijiet ta' trasferimenti);

— li l-Artikolu 45(2)(a) tal-Proposta tal-Eurojust/l-Artikolu 61(2)(a) tal-Proposta tal-UPPE jitnehha u jiġi mibdul bl-Artikolu 45(2)(c) tal-Proposta tal-Eurojust/l-Artikolu 61(2)(c) tal-Proposta tal-UPPE bħala l-ewwel deroga;

— li l-Artikolu 45(3) tal-Proposta tal-Eurojust u l-Artikolu 61(3) tal-Proposta tal-UPPE jiġu emendati;

— li ssir dispożizzjoni fl-Artikolu 45 tal-Proposta tal-Eurojust u fl-Artikolu 61 tal-Proposta tal-UPPE li kwalunkwe trasferiment ibbażat fuq derogi ghandu jiġi ddokumentat b'mod speċifiku.

Maghmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2014.

Giovanni BUTTARELLI

Assistent Kontrollur Ewropew ghall-Protezzjoni tad-Data

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2014/C 244/09)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	7.7.2014
Tul ta' żmien	7.7–31.12.2014
Stat Membru	Franza
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	ANF/8C3411
Speċi	Petrika (Lophiidae)
Żona	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	15/TQ43

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16; ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9; ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13; ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20; ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7; ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28; ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17; ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13; ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17; ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34; ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22; ĠU C 37, 5.2.2011, p. 12; ĠU C 149, 20.5.2011, p. 8; ĠU C 190, 30.6.2011, p. 17; ĠU C 203, 9.7.2011, p. 14; ĠU C 210, 16.7.2011, p. 30; ĠU C 271, 14.9.2011, p. 18; ĠU C 356, 6.12.2011, p. 12; ĠU C 111, 18.4.2012, p. 3; ĠU C 183, 23.6.2012, p. 7; ĠU C 313, 17.10.2012, p. 11; ĠU C 394, 20.12.2012, p. 22; ĠU C 51, 22.2.2013, p. 9; ĠU C 167, 13.6.2013, p. 9; ĠU C 242, 23.8.2013, p. 2; ĠU C 275, 24.9.2013, p. 7; ĠU C 314, 29.10.2013, p. 5; ĠU C 324, 9.11.2013, p. 6; ĠU C 57, 28.2.2014, p. 4; ĠU C 167, 4.6.2014, p. 9)

(2014/C 244/10)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, jeżisti aġġornament regolari li huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

BULGARIJA

Emenda fl-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 153, 6.7.2007

LISTA TA' PUNTI TA' QSIM BEJN IL-FRUNTIERI

1. Fruntiera Bulgara-Serba: Bregovo, Vrashka chuka, Kalotina, Strezimirovtsi, Oltomantsi;
2. Fruntiera Bulgara- Maċedona: Gyueshevo, Stanke Lisichkovo, Zlatarevo;
3. Fruntiera Bulgara-Torka: Malko Tarnovo, Lesovo, Kapitan Andreevo;
4. Fruntiera Bulgara-Griega: Kulata, Ilinden, Kapitan Petko Voyvoda, Ivaylovgrad, Makaza, Zlatograd;
5. Fruntiera Bulgara-Rumena: Vidin - triq, ferrovija tal-passiġġieri u l-merkanzija u xmara, Oryahovo – ferry, Ruse – pont sur le Danube, Silistra, Kardam, Durankulak;
6. Portijiet fuq ix-xmajjar: Vidin, Lom, Somovit – Nikopol, Svishtov, Ruse, Tutrakan, Silistra;
7. Portijiet Marittimi: Balchik, Varna, Burgas, Tsarevo;
8. Ajruporti: ajruport ta' Sofia, ajruport ta' Plovdiv, ajruport ta' Gorna Oryahovitsa, ajruport ta' Varna, ajruport ta' Burgas.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal membru kandidat tal-Impriża Konġunta SESAR

Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni SESAR 2020

Ref. SJU/LC/0110-CEI

(2014/C 244/11)

L-Impriża Konġunta SESAR (SJU) nediet sejħa għal espressjoni ta' interessi għal membru kandidat tal-SJU. Din is-sejħa hija indirizzata lill-membri attwali, li jixtiequ jikkonfermaw l-interess tagħhom f'SESAR 2020, u għal kwalunkwe entità ġdida li beħsiebha ssir membru tal-SJU, u li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-SJU u Orizzont 2020 għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu skont il-qafas finanzjarju 2014-2020 tal-Unjoni Ewropea.

L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija t-**30 ta' Settembru 2014**.

Aktar dettalji u d-dokumentazzjoni tas-sejħa huma disponibbli fil-websajt tal-SJU:

http://www.sesarju.eu/procurement

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT